# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2016**

**Numru 14**

**Rikors numru 218/06 JRM**

**Maritime Services International (Malta) Limited (C-33207) u b'digriet tat-8 ta' Frar 2007, il-gudizzju ghadda fil-persuna ta' Ulrich Barfuss**

**v.**

**Avukat Dr Leslie Cuschieri u PL Luisa Tufigno li b'digriet tat-8 ta' Awwissu 2006, inhatru bhala Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Norbert Kriegel, Dr Friedrich Strube u Joachim Scholz; u b'digriet tal-24 ta' April 2008, l-Avukat Dottor Nikolai Vella Falzon assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju specjali tal-istess assenti Kriegel, Strube u Scholz minflok l-imsemmija Kuraturi Deputati**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat fis-16 ta' Marzu, 2006, minn Maritime Services International (Malta) Limited, li permezz tieghu gie premess:

"1. Illi l-socjeta esponenti li qabel kellha l-isem Ganymed (Malta) Limited kellha ftehim mas-socjeta Ganymed Shipping GmbH, registrata Bremen, il-Germania, u f'liema zewg kumpaniji kien hemm l-istess *shareholders*, ghal *crew management* tal-vapuri tas-sidien "Conti" u "Maritim";

"2. Illi bi ftehim maghmul fl-14 ta' Gunju 2002 il-*shareholders* taz-zewg kumpaniji ma baqghuxl-istess u l-intimat Joachim Scholz, li kien sar il-*shareholder* uniku tas-socjeta Ganymed Shipping Gmbh, kien obbliga ruhu personalment li s-socjeta tieghu Ganymed Shipping Gmbh tkompli l-kuntratti ta' *crew management* mas-socjeta esponenti ghal *crew management* ta' erba' vapuri ta' "Conti" sal 31 ta' Dicembru 2002 u tnejn ta' "Maritim" sal-ahhar ta' Settembru 2002 u l-istess intimat Joachim Sholz kellu jithallas mitt elf dollaru amerikan (US$100,00) mis-socjeta esponenti basta ikun kompla l-imsemmija kuntratti ta' *crew management* mas-socjeta esponenti.

"3. Illi bi ftehim mal-partijiet kollha, is-socjeta esponenti kienet depozitat is-somma ta' mitt elf dollaru amerikan (US$100,000) ma' Deloitte & Touche Nominee Limited ta' 1 Colonel Savona Street, Sliema bhala *escrow agent* biex dan l-ammont jithallas lil intimat Joachim Scholz fuq istruzzjonijiet kongunti tal-intimati Norbert Kriegel u Dr Friedrich Strube.

"4. Illi l-intimat Joachim Scholz fil-fatt naqas li jibqa' jikkopera mas-socjeta esponenti fil *crew management* peress li waqaf ihallas lis-socjeta esponenti l-ammont miftiehem ta' kull xahar u ghaldaqstant tilef u iddekada mid-dritt tieghu li jiehu s-somma ta' US$100,000 li giet depozitata ma' Deloitte & Touche Nominee Ltd liema soma ghalhekk ghandha tigi rifuza lis-socjeta esponenti.

"5. Illi ghalkemm is-socjeta esponenti ghandha dritt tiehu lura is-somma ta' US$100,000 li kienet depozitat ma' Deloitte & Touch Nominee Ltd, l-intimati naqsu li jawtorizzaw lil istess Deloitte & Touche Nominee Ltd jirrillaxxjaw l-flus lis-socjeta esponenti.

"6. Illi Ulrich Barfuss jaf b'dawn il-fatti personalment.

"7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza

"**Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

"(1) Tiddikkara illi l-konvenut Joachim Scholz ma ghandux dritt jithallas is-somma ta' USD100,000 depozitati f'escrow account ma' Deloitte & Touche Nominee Ltd u li konsegwentement s-socjeta esponenti ghandha dritt tiehu lura l-istess somma ta' US$100,000 minnha depozitata ma' Deloitte & Touche Nominee Ltd;

"(2) Tordna l-intimati kollha jaghtu il-kunsens taghhom biex is-socjeta esponenti tizbanka l-istess somma ta' US$100,000 minn Deloitte & Touch Nominee Ltd fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi stabbilit minn dina l-Qorti;

"(3) Fil-kas li jghaddi il-perjodu fuq stabbilit inutilment, tawtorizza lis-socjeta attrici tizbanka l-istess somma ta' USD100,000 MINN GHAND Deloitte &Touche Nominne Ltd anki fin-nuqqas ta' awtorizzazzjoni tal-konvenuti jew minn minnnhom.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti imharrkin minn issa in subizzjoni".

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fis-16 ta' Ottubru, 2006, mill-Kuraturi Deputati, li permezz taghha nghad is-segwenti:

"1. Illi b'digriet tat-8 t'Awwissu 2006, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Norbert Kriegel, Dr Friedrich Strube u Joachim Scholz.

"2. Illi huma ghad ma kellhomx opportunita jikkomunikaw mal-persuni minnhom rapprezentati, u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

"3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment".

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri mressqa fis-6 ta' Ottubru, 2008, minn Dr Nicolai Vella Falzon, li assuma l-atti bhala mandatarju specjali tal-intimati assenti minn Malta, Joachim Scholz, Norbert Kriegel, u Friedrich Strube, fejn gie eccepit:

"1. Illi preliminarjament l-ewwel talba tal-kumpannija rikorrenti hija bbazata fuq allegazzjoni ta' ksur ta' sensiela ta' ftehim bejn is-socjeta' rikorrenti u s-socjeta' Ganymed Shipping GMbH, u cioe' l-*Crew Management Agreements* lkoll datati 31 ta' Awissu, 1999, ghal liema ftehim l-ebda wiehed mill-intimati ma huwa parti u ghalhekk l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward ta' dina l-ewwel talba u konsegwentement tat-talbiet l-ohra kif kontenuti fir-rikors promotorju tar-rikorrenti u ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess kumpannija rikorrenti;

"2. Illi preliminarjament ukoll il-*Crew Management Agreements* jikkontemplaw arbitragg gewwa Londra f'kaz ta' tilwim bejn il-partijiet u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha twaqqaf il-procedimenti fir-rigward ta' din it-talba kif mitlub fl-Artikolu 742(3) tal-Kodici dwar l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u konsegwentement ukoll fir-rigward tat-talbiet l-ohra tal-kumpannija rikorrenti;

"3. Illi fi kwalunkwe kaz, dwar l-ewwel talba ukoll, kull azzjoni illi talvolta setghet tiehu l-istess kumpannija rikorrenti fir-rigward ta' hlasijiet allegatament dovuti ai termini tal-*Crew Management Agreements* hija preskritta skond il-ligi Ingliza *ossia*, l-*lex contractu* tal-*Crew Management Agreements* u ghalhekk ukoll din it-talba kif ukoll it-talbiet l-ohra konsegwenzjali tal-kumpannija rikorrenti ghandhom jigu michuda;

"4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju l-ewwel talba tal-kumpannija rikorrenti ghandha tigi respinta wkoll fil-mertu stante illi l-allegazzjonijiet taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"5. Illi fir-rigward tat-tieni u t-tielet talbiet tal-kumpannija rikorrenti dawn ukoll huma nfondati fil-datt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija;

"6. Illi fl-ewwel lok fil-konfront tal-intimat Joachim Scholz dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda peress illi l-konvenut Joachim Scholz mhuiex parti ghall-*Escrow Agreement* li jifforma l-bazi tat-talbiet mressqa mis-socjeta rikorrenti u ghalhekk il-konvenuti Joachim Scholz ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fir-rigward ta' dawn iz-zewg talbiet;

"7. Illi minghajr prejudizzju ghas-suespost kif jirrizulta mill-*Escrow Agreement* stess (Dok 'A' mar-rikors promoter) ma hemm ebda kundizzjonijiet ghar-rilaxx tal-flus depozitati mal-*escrow agent* hlief illi l-flus jigu rilaxxati fuq il-firma tal-intimati Strube u Kriegel;

"8. Illi ghalhekk kemm it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti f'din il-kawz kif ukoll il-mandat ta' sekwestru mahrug mill-istess kumpannija rikorrenti fi Frar, 2008 huma bi ksur lampanti tat-termini tal-istess "*Escrow Agreement*" illi fi klawsola numru erba' (4) tieghu jghid hekk: "*the Escrow Agent shall, as from delivery, at all time hold and maintain possession of the Funds <u>until precise and complete instructions are received in writing, from Mr Norbert Kriegel and Dr Friedrich Strube jointly,</u> as to the manner in which the Funds are to be released, transferred, conveyed or otherwise applied by the Escrow Agent*" u in oltre: "*the Escrow Agent <u>shall solely and exclusively act on the joing written instructions of the said Mr Norbert Kriegel and Dr Friedrich Strube and is hereby precluded from taking instructions in this regard from any other person or persons whatsoever.</u>*" (emfasi mizjud)

> “9. Illi ghalhekk kull talba tal-kumpannija rikorrenti ghar-rilaxx tal-flus mizmuma taht l-*Escrow Agreement* bazata fuq allegazzjonijiet marbuta ma ftehim jew relazzjonijiet ohra bejn uhud biss mill-partijiet jew ma terzi ma tistax tigi milqugha ghaliex ma tirrispettax il-ftehim milhuq bejn il-partijiet fl-*Escrow Agreement* u ghalhekk hija illegali u fl-ebda klawzola tieghu ma l-“*Escrow Agreement*” jissuggetta r-rilaxx tal-fondi mizmuma mill-“*Escrow Agent*” ghal xi obbligu assunt mill-konvenut Joachim Scholz;
>
> “10. Illi *se mai* u minghajr pregudizzju jekk il-kumpannija rikorrenti jidrilha illi ghandha xi pretensjonijiet kontra l-intimar Scholz jew xi persuni jew kumpanniji ohra relatati mieghu l-kumpannija rikorrenti jmissha ntavolat procedure fir-rigward quddiem il-qorti jew arbitru kompetenti izda ma ghandhiex id-dritt tbiddel il-ftehim bejn il-partijiet fl-*Escrow Agreement*;
>
> “11. Illi bir-rispett u ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmi t-talbiet rikorrenti huma frivoli u vessatorji u wiehed bilfors irid jikkonkludi illi l-proceduri odjerni huma biss attentat min naha tal-kumpannija rikorrenti sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiehu konjizzjoni tal-mertu tal-pretensjonijiet preskritti taghha dwar sensiela ta’ ftehim regolat minn ligi barranija u li jikkontemplaw proceduri ta’ arbitragg barra minn Malta
>
> “Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha premessi l-intimat nomine jissottometti bir-rispett illi t-talbiet tal-kumpannija rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.
>
> “Salv eccezzjonijiet ulterjuri”.

Rat is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta’ Ottubru, 2012, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi filwaqt li laqghet it-tieni eccezzjoni preliminari limitatament fil-konfront tal-konvenuti Kriegel u Strube, u sabet li m’humiex il-legittimi kontraditturi ghall-pretensjonijiet attrici, u b’hekk helsithom milli jibqghu fil-kawza bi spejjez tal-attur, sabet li l-konvenut Scholz huwa l-legittimu kuntradittur tal-pretensjonijiet attrici u ghalhekk cahdet l-imsemmija eccezzjoni preliminari sa fejn tirrigwarda lilu; cahdet l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra tal-konvenuti bhala mhux

misthoqqa fil-fatt u fid-dritt; cahdet l-ewwel talba attrici billi ma ntwerietx raguni tajba ghaliex il-konvenut Joachim Scholz tilef il-jedd li jippretendi l-hlas tas-somma ta' mitt elf dollaru Amerikan (US$ 100,000) li kienet tinsab depozitata f'*escrow account* ghand l-*escrow agent* Deloitte & Touche Nominee Limited; cahdet it-tieni talba attrici billi, fl-ewwel lok, l-*escrow account* inghalaq bis-sahha tad-depozitu maghmul mill-*escrow agent* fil-mori tal-kawza u billi, fit-tieni lok, l-attur ma kienx meqjus li kellu raguni tajba biex jitlob lura s-somma li kienet hekk depozitata; cahdet it-tielet talba attrici billi kienet meqjusa konsegwenzjali ghall-ewwel zewg talbiet; u kkundannat lill-attur biex ihallas l-ispejjez tal-kawza.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi din hija kawża għall-ħlas lura ta' somma ta' flus miżmuma taħt escrow account għar-raġuni li seħħ ksur ta' rabta kuntrattwali li bih il-persuna li għall-interess tagħha sar dak id-depożitu tilfet il-jedd li titlob il-ħlas tas-somma hekk miżmuma. L-attur, bħala ċessjonarju tal-jeddijiet tal-kumpannija li qiegħdet is-somma fl-imsemmi kont (aktar 'il quddiem imsejħa "GML"), irid li l-imħarrkin jagħtu l-kunsens tagħhom biex hu jirtira l-imsemmija somma mingħand l-aġent li għandu tqiegħdet is-somma (aktar 'il quddiem imsejħa "D&TN"), għaliex jgħid li r-raġuni għaliex l-istess somma tqiegħdet f'escrow m'għadhiex tgħodd. Jgħid li dik is-somma kienet tqiegħdet fl-escrow account biex tagħmel tajjeb għat-twettiq tal-obbligazzjonijiet li l-imħarrek Scholz kien daħal għalihom fi ftehim ta' crew management li huwa ffirma ma' GML, u billi Scholz naqas li jwettaqhom, ma jistħoqqlux aktar li jippretendi l-ħlas ta' dik is-somma. L-attur irid li, f'każ li l-imħarrkin jonqsu li jagħtu l-kunsens tagħhom, ikun awtorizżat hu nnifsu biex jitlob ir-rilaxx tas-somma mingħand D&TN;
>
> "Illi l-imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni b'għadd ta' eċċezzjonijiet, uħud minnhom ta' xejra preliminari. Bdew biex qalu li l-Qorti jmissha teħlishom milli jibqgħu fil-kawża għaliex l-ebda wieħed minnhom ma kellu x'jaqsam mal-ftehim tal-crew management. Qalu li l-Qorti

għandha tissoprasjedi milli tkompli tisma' l-kawża sakemm il-kwestjoni li qamet titressaq quddiem arbitraġġ f'Londra, kif kienu jaħsbu l-ftehim li fuqhom l-attur jibni l-każ tiegħu. Laqgħu billi eċċepew il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi skont il-liġi tal-kuntratt (il-liġi Ingliża) li l-attur jallega l-ksur tiegħu. Fil-mertu laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi m'humiex mistħoqqa għaliex, fl-ewwel lok, dawk it-talbiet huma bi ksur tal-escrow agreement li bis-saħħa tiegħu qiegħda tinżamm is-somma li l-attur irid jirtira; u fit-tieni lok, għaliex l-imħarrkin Kriegel u Strube ma kellhom l-ebda rabta mal-kuntratt ta' crew management li l-attur jallega l-ksur tiegħu, filwaqt li l-imħarrek Scholz ma huwa bl-ebda mod involut fl-escrow agreement;

"Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li fl-10 ta' Lulju, 2002[1], saret kitba għall-ħolqien ta' escrow agreement bejn GML, D&TN, u l-imħarrkin Kreigel u Strube. Bis-saħħa tal-imsemmi ftehim, GML intrabtet li tgħaddi b'mod li ma jitħassarx u irrevokabilment is-somma ta' mitt elf dollaru Amerikan (US$ 100,000) lil D&TN li nħatret bħala escrow agent u dan sabiex iżżommhom kif miftiehem fl-istess kitba. Il-ftehim kellu jidħol fis-seħħ hekk kif il-bankiera ta' D&TN jgħarrfuha li s-somma tqiegħdet fil-kont bankarju maħsub għal dan il-għan;

"Illi GML kienet twaqqfet f'Malta f'Awissu tal-1995 u l-attur Barfuss kien wieħed mill-azzjonisti tagħha, filwaqt li limħarrek Scholz kien azzjonist ieħor u direttur maniġerjali. Sal-2002, GML kienet taħdem f'kollaborazzjoni ma' kumpannija Ġermaniża bl-isem ta' Ganymed Shipping GmbH. F'Ġunju tal-2002, għaddiet riżoluzzjoni bejn l-azzjonisti li biha sar qbil li GML u l-kumpannija Ġermaniża jinfirdu. Dan ġara billi l-imħarrek Scholz kiseb mingħand l-azzjonisti l-ishma kollha fil-kumpannija Ġermaniza, filwaqt li ħeles minn kull sehem li huwa kellu f'GML (li minn Settembru ta' dik is-sena ħadet l-isem attwali tal-kumpannija attriċi);

"Illi l-imħarrkin Kriegel u Strube kienu, rispettivament, l-avukati ta' l-imħarrek Scholz u ta' GML;

"Illi fiż-żmien meta GML u l-kumpannija Ġermaniża kienu jaħdmu id f'id, fit-tmexxija ta' bastimenti merkantili, l-kumpannija Ġermaniża kienet tagħmilha ta' ship manager maħtura mis-sidien tal-vapuri li kienet tmexxi, filwaqt li GML kienet titqabbad mill-kumpannija Ġermaniża biex issib l-ekwipaġġ u tagħti s-servizzi tagħha f'dan ir-rigward. Billi s-sidien tal-bastimenti kienu rtiraw mill-ftehim ta' tmexxija tagħhom mogħti lill-kumpannija Ġermaniża, r-rabta bejn GML u l-kumpannija Ġermaniża ma kienx għad fadal lokha u b'hekk sar il-qbil dwar il-firda[2];

[1] Dok "A", f'paġġ. 4 – 7 tal-proċess
[2] Affidavit ta' l-attur f'paġ. 8 tal-proċess

"Illi meta saret il-ftehim tal-firda bejn iż-żewġ kumpanniji fl-14 ta' Ġunju tal-2002[3], l-imħarrek Scholz kien intrabat (f'isem il-kumpannija Ġermaniża) li jibqa' jżomm sa tmiemhom il-kuntratti ta' crew management li kienu ngħataw lil GML, magħduda l-ħlasijiet lilha għas-servizzi mogħtija taħt l-imsemmija kuntratti. Sa dak iż-żmien, kien għad fadal kuntratti fuq erba' (4) bastimenti tad-Ditta Conti (li l-kuntratti tagħhom kienu jintemmu fil-31 ta' Diċembru, 2002) u żewġ (2) bastimenti tad-Ditta Maritime (li l-kuntratti tagħhom kienu jagħlqu f'Settembru ta' dik l-istess sena);

"Illi l-escrow agreement sar biex jingħata kumpens lill-imħarrek Scholz talli jżomm ir-rabta tiegħu li l-kumpannija tedeska tibqa' żżomm sa tmiemhom l-imsemmija kuntratti tal-ekwipaġġ mogħtija lil GML (imsejħin "crewmen agreement" taħt il-BIMCO Standard Crew Management Agreement) u kif ukoll bħala l-ħlas għas-saldu tal-korrispettiv li Scholz kien jifdallu jieħu mingħand GML għall-ishma li huwa kien biegħ fl-imsemmija kumpannija attriċi. Kien għalhekk li l-ħlas tas-somma ta' US$ 100,000 imqiegħda fl-escrow account kellha tgħaddi lill-imħarrek Scholz fl-għeluq tal-aħħar minn fost il-kuntratti, jekk dan iżomm ir-rabta tiegħu;

"Illi wara li għalaq iż-żmien tal-kuntratti tal-bastimenti tad-Ditta Maritime (fi tmiem Settembru tal-2002), inqalgħu xi intoppi bejn GML u l-kumpannija Ġermaniża dwar pretensjonijiet ta' ħlasijiet. Minħabba f'hekk, il-kumpannija Ġermaniża żammet il-ħlasijiet li kienet tibgħat lil GML dwar il-kuntratti li kien għad fadal tal-bastimenti tad-Ditta Conti. GML qieset dan bħala ksur tal-ftehim li kien intlaħaq f'Ġunju tal-2002 min-naħa tal-imħarrek Scholz;

"Illi l-kwestjoni ttieħdet għall-arbitraġġ f'Londra u f'Diċembru tal-2004[4], ngħatat deċiżjoni arbitrali in parte li sabet li l-kumpannija Ġermaniża ma kellhiex jedd titlob il-ħlasijiet mingħand GML u lanqas li żżomm bi tpaċija l-ħlasijiet dovuti lil GML fuq il-kuntratti l-oħrajn li kienu għadhom fis-seħħ. F'Settembru tal-2005[5] u fi Frar tal-2006[6], ingħataw żewġ deċiżjonijiet arbitrali oħrajn dwar il-kap tal-ispejjeż marbuta mal-ewwel deċiżjoni arbitrali in parte;

"Illi, minħabba li GML dehrilha li Scholz kien kiser ir-rabtiet tiegħu, riedet li s-somma depożitata fl-escrow account tintraddilha lura. Minħabba li l-ftehim tal-escrow kien irid li t-talba ssir minn kull min iffirma l-ftehim, u minħabba li l-imħarrkin Scholz u Kriegel ma qablux li jagħtu l-kunsens tagħhom biex D&TN teħles il-flus favur GML, minkejja d-deċiżjonijiet tal-arbitraġġ, GML fetħet din il-kawża f'Marzu tal-2006;

---

[3] Dok "UB2", f'paġġ. 111 – 2 tal-proċess
[4] Dok "UB1", f'paġġ. 88 sa 110 tal-proċess
[5] Dok "UB3", f'paġġ.
[6] Dok "UB4", f'paġġ.

"Illi f'Lulju tal-2006, l-attur Barfuss kiseb mingħand GML b'assenjazzjoni l-jeddijiet kollha li din kellha fl-escrow account u kif ukoll il-jeddijiet litiġjużi tal-istess GML f'din il-kawża[7]. Sadattant, fl-2007, il-kumpannija Ġermaniża ngħalqet[8];

"Illi fi Frar tal-2008, l-attur talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju[9] b'ħarsien tal-pretensjonijiet tiegħu f'din il-kawża. Fost is-sekwestratarji, kien hemm D&TN (li, sadattant, kienet bidlet isimha għal DNT Fiduciary Limited), u meta din laqgħet in-notifika tal-Mandat, iddepożitat b'ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti[10] s-somma ekwivalenti f'denominazzjoni euro tas-somma ta' US$100,000 li kienet tqiegħdet għandha fl-escrow agreement, wara li naqqset minnha somma għad-drittijiet u l-ispejjeż tal-istess depożitu;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali u ta' dritt li jorbtu l-każ, hu xieraq li jingħad mill-ewwel li din hija azzjoni dwar rilaxx ta' somma flus li kienet imqiegħda f'idejn depożitarju biex tinżamm għandu sakemm iseħħu l-kundizzjonijiet magħmulin fil-ftehim li bis-saħħa tiegħu sar l-istess depożitu u sakemm jingħataw struzzjonijiet lill-istess depożitarju dwar kif għandu jeħles minn dik is-somma. Filwaqt li l-attur jisħaq li dik is-somma għandha tintradd lilu (bħala assenjatarju tal-jeddijiet ta' GML), l-imħarrek Scholz jisħaq li dik is-somma jmisha tinħeles favurih. L-attur jallega li l-imħarrek tilef il-jedd li jieħu s-somma minħabba li kiser ir-rabtiet tiegħu b'mod li tilef ukoll il-jedd għas-somma; min-naħa tiegħu, l-imħarrek jisħaq[11] li huwa żamm sħiħ mar-rabtiet tiegħu bħala rappreżentant tal-kumpannija Ġermaniża u għalhekk dik is-somma jmissha tinħeles favurih. Issa, lil hinn mill-kwestjoni tas-siwi taż-żewġ verżjonijiet (li din il-Qorti sejra tistħarreġ aktar 'il quddiem f'din is-sentenza), huwa evidenti li ladarba l-azzjoni attriċi titlob ir-rilaxx tas-somma favur l-attur, il-Qorti ma tista' tordna qatt ir-rilaxx tas-somma favur l-imħarrek. Jekk tagħmel hekk, tkun qiegħda tiddeċiedi lil hinn minn dak mitlub. L-iżjed li tista' tagħmel (favur it-teżi tal-imħarrkin) hija li tiċħad it-talbiet tal-attur, u mbagħad tibqa' bla ħsara l-kwestjoni tal-mod kif l-imħarrek Scholz għandu, jekk ikun jistħoqqlu, jirtira s-somma għalih;

"Illi, matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, ġara wkoll li, tajjeb jew ħażin, is-somma mqiegħda fl-escrow account ma baqgħetx f'idejn D&TN għaliex din, minħabba l-ordni fil-Mandat ta' Sekwestru, iddepożitat is-somma b'ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti. B'dan il-mod, jidher li l-kwestjoni llum tirrigwarda aktar jekk l-attur għandux il-jedd li jirtira s-somma hekk depożitata bla ħtieġa tal-kunsens tal-imħarrkin li, skont l-escrow agreement, kien meħtieġ il-kunsens tagħhom biex jawtorizzaw l-isbank[12]. Iqum ukoll il-punt dwar jekk D&TN imxietx

[7] Dok "UB1", f'paġ. 29 tal-proċess
[8] Dok "NK" f'paġ. 136 tal-proċess
[9] Mandat 182/08
[10] Ċedola 261/08 Dok "LCP", f'paġ. 37 tal-proċess
[11] Ara Dok "JS", f'paġġ. 173 – 4 tal-proċess
[12] Ara §15 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur, f'paġ. 260 tal-proċess

sewwa li, bħala sekwestratarja, tgħaddi biex tqiegħed is-somma in escrow taħt l-awtorita' tal-Qorti, ladarba l-Mandat jirreferi għall-ħwejjeġ tad-debitur li s-sekwestratarju jkollu f'idejh; filwaqt li f'dan il-każ, minħabba n-natura tal-escrow[13], ma kienx ċar jekk il-flejjes kinux tal-imħarrek Scholz, jew jekk kinux għadhom ta' l-attur innifsu li fuq talba tiegħu nħareġ il-Mandat ta' Sekwestru;

"Illi, madankollu, qabel il-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu tal-kwestjoni, jinħtiġilha tqis il-kwestjonijiet li tqajmu b'mod preliminari mill-imħarrkin infushom fit-Tweġiba Ulterjuri li ressqu;

"Illi **dwar l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni minħabba l-klawsoli arbitrali** l-imħarrkin ma ressqu l-ebda sottomissjoni. Kif sewwa jargumenta l-attur, il-qofol tal-kwestjoni jolqot biss x'imissu jsir mis-somma li kienet tqiegħdet fl-escrow account. La l-premessi u lanqas it-talbiet ma jfittxu li jsir stħarriġ dwar kwestjonijiet oħrajn. La fil-ftehim tal-escrow u lanqas f'dak tal-firda bejn iż-żewġ kumpanniji ma hemm xi klawsola arbitrali. Min-naħa l-oħra, fejn kien hemm lok għar-rikors għall-proċeduri tal-arbitraġġ (taħt il-ftehim l-oħrajn) dawn ittieħdu u ntemmu, għalkemm sa livell parzjali u bla ma ngħalqet għal kollox il-kwestjoni fil-mertu;

"Illi għalhekk, il-Qorti ma tarax liema hija l-klawsola arbitrali li jirreferu ghaliha l-imħarrkin u wisq anqas x'raġuni tajba hemm biex il-Qorti tissoprasjedi u żżomm milli din il-kawża tieħu l-kors tagħha;

"Illi għalhekk din l-eċċezzjoni m'hijiex tajba u mhix sejra tintlaqa';

"Illi dwar **l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni** ta' min josserva li fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni wkoll l-imħarrkin ma ressqu l-ebda sottomissjoni u wisq anqas fissru għaliex din il-Qorti kellha tapplika regola ta' preskrizzjoni li m'hijiex waħda li toħroġ mil-liġi Maltija. Il-ftehim tal-escrow sar f'Malta u kull aspett tiegħu huwa regolat bil-liġi tagħna. Fuq kollox, l-imħarrkin naqsu li jindikaw liema hija d-dispożizzjoni tal-liġi li fuqha sejsu din l-eċċezzjoni. M'huwiex xogħol din il-Qorti li toqgħod tfittex liema huwa ż-żmien preskrittiv li jgħodd għall-każ;

"Illi għalhekk, il-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni m'hijiex tajba u għalhekk mhix sejra tilqagħha;

"Illi dwar **l-eċċezzjoni li l-imħarrkin m'humiex il-leġittimi kontraditturi** jidher li din tinbena fuq il-fatt li l-imħarrek Scholz ma kienx firmatarju tal-ftehim tal-escrow. Dan huwa minnu, iżda l-istess imħarrek ma jistax jonqos li jagħraf li s-somma li tqiegħdet fl-imsemmi kont kienet maħsuba biex, fl-aħħar mill-aħħar, tingħata lilu. Jekk ma

[13] Waħda mit-tifsiriet tal-kunċett ta' escrow f'dizzjunarji legali tfissru bħala: "something of value, such as a deed, stock, money or written instrument, that is put into the custody of a third person by its owner, a grantor, an obligor, or a promisor, to be retained until the occurrence of a contingency or performance of a condition" (West's Encyclopaedia of American Law, 2nd Edit, 2005)

kellux interess hu biex jara fejn ser jispiċċa dak l-ammont, il-Qorti ma tafx min aktar kellu dan l-interess;

"Illi fir-rigward taż-żewġ imħarrkin l-oħrajn, madankollu, jidher li din l-eċċezzjoni tistħoqq kunsiderazzjoni partikolari. Jibda biex jingħad li minħabba l-atteġġament li ħadu li jirrifjutaw li jagħtu l-kunsens tagħhom lill-escrow agent dwar l-iżbank tas-somma mqiegħda taħt escrow, ġara li l-imsemmija somma baqgħet f'idejn D&TN sa żmien wara li għalaq iż-żmien stabilit (l-aħħar tas-sena 2002). Għaddew is-snin u sa sentejn wara li nfetħet din il-kawża, is-somma kienet għadha taħt il-kontroll ta' D&TN. Skont il-ftehim tal-escrow kienu l-imħarrkin Kriegel (bħala l-konsulent legali ta' Ganymed Shipping GmbH, Bremen) u Strube (bħala l-konsulent legali ta' GML) biss li kellhom il-jedd li jagħtu struzzjonijiet lil D&TN dwar l-iżbank tal-escrow[14]. L-azzjoni attriċi – u, b'mod partikolari, it-tieni talba attriċi – ma kien ikollha l-ebda saħħa li kieku dawn iż-żewġ persuni ma kinux fil-kawża. Għalhekk, sa hawn, l-eċċezzjoni preliminari m'hijiex tajba lanqas fil-konfront ta' dawn iż-żewġ imħarrkin;

"Illi, madankollu, minħabba li kif ingħad l-imsemmi escrow agent iddepożita b'ċedola s-somma li kien qed iżomm f'idejh, ġara li **issa** ma għad hemm l-ebda ħtieġa li l-imħarrkin Strube u Kreigel jibqgħu fil-kawża. Id-deċiżjoni li l-Qorti tista' tagħti favur l-attur fit-tieni talba ma tkunx teħtieġ aktar is-sehem tal-imsemmija żewġ imħarrkin, għaliex, fit-termini taċ-ċedola, d-depożitu jkun jista' jinġibed minn min ikollu jedd għalih. Minħabba l-kwestjoni tal-interess ġuridiku f'kawża, u minħabba li dak l-interess irid ikun jinstab fil-parti f'kull waqt tal-kawża u mhux biss meta tkun inbdiet, il-Qorti hija tal-fehma li, hekk kif D&TN għaddiet biex iddepożitat is-somma taħt l-awtorita' tal-Qorti wara li nħareġ il-Mandat ta' Sekwestru mill-attur, intemm fl-imħarrkin Kriegel u Strube l-interess ġuridiku li jibqgħu fil-kawża;

"Illi għaldaqstant, il-Qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari fir-rigward tal-imħarrkin Kriegel u Strube u teħlishom milli jibqgħu fil-kawża; iżda sejra tiċħadha safejn tirreferi għall-imħarrek Scholz;

"Illi għal dak li jirrigwarda **t-talbiet tal-attur fil-mertu**, huwa jfisser li l-azzjoni tiegħu m'hijiex dik li l-Qorti tistħarreġ jekk l-imħarrek Scholz kisirx tassew jew le l-ftehim tal-crew management. Jgħid li dan l-istħarriġ u eżerċizzju sar mill-arbitraġġ li nżamm fir-Renju Unit u l-konklużjoni ċara tal-istess proċeduri sabu li Scholz tassew naqas milli jwettaq l-obbligi kuntrattwali li daħal għalihom. Dik id-deċiżjoni arbitrali llum tirriżulta wkoll li hija waħda finali u eżegwibbli. Minbarra dan, joħroġ mis-sejbiet tal-arbitri li dawn saħansitra waslu għall-fehma li Scholz tilef il-jedd għas-somma ta' $100,000 li tqiegħdet fl-escrow account ma' D&TN;

[14] Klawsola 4.2 tal-ftehim, f'paġ. 5 tal-proċess

"Illi l-attur jargumenta li, fuq is-saħħa tal-liġi dwar il-kuntratt tad-depożitu, huwa s-sid tas-somma mqiegħda fl-escrow account minn GML u għalhekk jista' (bħala ċ-ċessjonarju tal-jeddijiet kollha tal-istess GML) jitlob ir-radd lura tagħha, aktar u aktar ladarba r-raġuni li għaliha sar l-imsemmi depożitu m'għadhiex tgħodd[15]. Jidher li din il-fehma hija wkoll imsaħħa mit-termini tal-ftehim tal-escrow innifsu li, fit-tielet paragrafu tal-Klawsola 3 tiegħu, saħansitra jipprovdi li s-somma mqiegħda f'idejn l-escrow agent kellha titqiegħed f'kont bankarju fiss li jagħlaq fl-aħħar tas-sena 2002, u li kull mgħax li jinġema' fuq is-somma hekk depożitata kellu jibqa' għall-benefiċċju ta' GML;

"Illi min-naħa tiegħu, l-imħarrek Scholz jisħaq li jekk wieħed kellu jimxi mal-ftehim ta' escrow, wieħed isib li dan ma jirreferi għall-ebda ftehim ieħor u għaldaqstant l-attur ma jistax jorbtu ma' xi ċirkostanza jew kundizzjoni li ma toħroġx mill-atti tal-ftehim tal-escrow innifsu;

"Illi l-Qorti tqis li l-kundizzjoni (sospensiva) waħdanija li għaliha jirreferi l-ftehim tal-escrow hija dik li tinsab fil-Klawsola 6 tiegħu. Dik il-klawsola titkellem biss dwar il-ħlasijiet dovuti lil D&TN. Imkien band'oħra fl-imsemmi ftehim ma tissemma xi rabta tal-imħarrek jew xi dmir ta' prestazzjoni li Scholz ried iwettaq bħala kundizzjoni biex ikun jistħoqqlu jieħu l-flus imqiegħda fil-kont escrow. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, l-ftehim tal-escrow irid jitqies fil-qafas taċ-ċirkostanzi li fihom sar u li l-imħarrkin kollha kienu mdaħħlin fihom. Dan qiegħed jingħad b'riferenza għall-ftehim tal-firda bejn il-partijiet li sar f'Ġunju tal-2002. F'dak il-ftehim, l-imħarrek Scholz intrabat li l-kumpannija tiegħu tissokta bil-ko-operazzjoni ma' GML sa tmiem dik is-sena fejn jidħlu l-vapuri li kienu għadhom marbuta mal-kumpannija tedeska[16]. Minbarra dan, hemm miftiehem li jkun biss wara li jitwettaq iż-żmien tal-imsemmija kooperazzjoni, li Scholz ikun jista' jitħallas il-US$100,000 "as compensation for the separation"[17]. Dan kollu ntrabat mal-fatt li l-imsemmija somma tqiegħdet minn GML fl-escrow account[18]. Mela l-imħarrek Scholz ma jistax jinjora l-fatt li r-raġuni tal-ftuħ tal-escrow account kien marbut ma' ftehim ieħor li taħtu l-istess imħarrek intrabat f'isem il-kumpannija tiegħu;

"Illi l-imħarrkin jgħidu li, f'dak il-ftehim tal-firda, Scholz intrabat biss bħala rappreżentant tal-kumpannija tedeska li tagħha kien sar l-azzjonist waħdieni. Għalhekk, iżidu jgħidu li, jekk kemm-il darba tassew kien hemm xi kundizzjoni jew rabta li tikkundizzjona r-rilaxx tal-flus depożitati fl-escrow account, ż-żamma tar-rilaxx tagħhom ma tistax tintrabat ma' xi għamil jew nuqqas ta' terzi. Il-Qorti ma jidhrilhiex li dan huwa argument tajjeb. Fl-ewwel lok, il-ftehim tal-firda huwa

---

[15] Ara b'eżempju, C.of A. (Civil Division) 16.2.2001 fil-kawża fl-ismijiet B.C.C.I SA (In liquidiation) vs Bugshan et (2001) EWCA Civ 244 per Pike, Tuckey, Waterhouse L.JJ. u C of A (Comm. Div.) 26.4.2001 fil-kawża fl-ismijiet SCI (Sales Curve Interactive) Ltd vs Titus S.a.r.l. (2001) 2AllER (Comm) 416 per Ward, May, Rix L.JJ

[16] Klawsola 2, Dok "UB2", f'paġ. 111 tal-proċess

[17] Klawsola 3 ibid

[18] Klawsola 4 ibid

ftehim bejn l-azzjonisti u mhux bejn il-kumpanniji[19]. Fit-tieni lok, l-imħarrek Scholz espressament "guarantees and undertakes" li l-kumpannija tiegħu (Ganymed Shipping GmbH, Bremen) tibqa' tonora l-arranġament ta' ko-operazzjoni bejnha u GML[20]. B'dan il-mod, fil-fehma tal-Qorti, huwa daħal personalment responsabbli lejn l-attur għat-twettiq tar-rabta bħala garanti tad-debitriċi prinċipal tiegħu (l-imsemmija kumpannija tedeska)[21];

"Illi ma hemm l-ebda dubju li l-ftehim ta' ko-operazzjoni baqa' jitħares għall-anqas sa tmiem Settembru tal-2002, billi l-kumpannija tedeska baqgħet tibgħat il-ħlasijiet miftehma lil GML. Kien wara li ntemmu l-kuntratti ta' żewġ bastimenti fi tmiem dak ix-xahar (u kien fadal dawk tal-erba' bastimenti l-oħrajn) li nqala' l-għawġ u l-kumpannija tedeska żammet mill-ħlasijiet. Kien f'dan iż-żmien li tnedew il-proċeduri arbitrali li ssemmew aktar qabel. Mela, jekk kien hemm xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi rabta kuntrattwali, dan ġara bejn Ottubru u l-aħħar tas-sena 2002;

"Illi, madankollu, u lil hinn mill-kwestjoni tal-inadempiment, il-Qorti tagħraf li s-somma mqiegħda fil-kont escrow kienet il-korrispettiv tal-ishma f'GML li Scholz kien assenja lill-azzjonisti l-oħrajn tagħha u liema ishma huma kienu irċevew. Ta' din l-assenjazzjoni, baqa' sallum ma tħallasx għaliex is-somma mqiegħda fl-escrow account kienet sewwasew il-bilanċ minn dak il-korrispettiv. Il-Qorti tagħraf ukoll li, fl-aħħar mill-aħħar, u skont ix-xhieda li ħarġet matul is-smigħ tal-kawża[22], wara li ngħataw id-deċiżjonijiet arbitrati, l-imħarrek Scholz ħallas lill-attur il-flus kollha li kienu nżammu mill-kumpannija tedeska (tneħħi parti żgħira mill-ispejjeż legali) li kellhom jitħallsu skont il-kuntratti tal-ko-operazzjoni dwar l-ekwipaġġi li kienu jkunu dovuti taħt il-ftehim li kieku dawn baqgħu jitħaddmu sa tmiem l-2002[23]. B'dan il-mod, il-Qorti tifhem li ladarba l-ħlasijiet twettqu u l-attur daħħal dak li GML kienet xorta waħda jkun jistħoqqilha tirċievi taħt il-ftehim tal-firda u b'hekk "illikwida u ssalda d-dannu mġarrab", ma jifdal l-ebda raġuni tajba għaliex l-attur għandu jibqa' jisħaq li l-flejjes li kienu depożitati fl-escrow account għandhom jintraddu lura lilu. Il-Qorti tqis, għall-kuntrarju, li jekk kemm-il darba kellha tgħid li l-attur jistħoqqlu jingħata lura l-flejjes li kienu tqiegħdu fl-imsemmi kont, l-attur ikun qed jistagħna indebitament bi ħsara tal-imħarrek Scholz, għaliex dan fil-fatt għamel tajjeb għall-"inadempiment" tal-kumpannija tedeska filwaqt li, kif rajna, baqa' ma rċieva qatt il-ħlas tal-bilanċ tal-korrispettiv tal-ishma li huwa kellu f'GML u li kien ħeles minnhom fil-ftehim tal-firda;

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra ssib li l-ewwel talba tal-attur m'hijiex mistħoqqa u mhix sejra tilqagħha;

[19] Xhieda ta' l-imħarrek Kriegel 26.6.2009, f'paġ. 245 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda ta' l-imħarrek Strube 26.6.2009, f'paġ. 251 tal-proċess
[21] Art. 1925 tal-Kap 16
[22] Ara x-xhieda ta' l-imħarrek Kreigel 26.6.2009, f'paġġ. 248 – 9 tal-proċess
[23]§10 tan-Nota tal-Osservazzjonijiet, f'paġ. 272 tal-proċess

> "Illi dwar it-tieni talba attriċi xieraq jingħad li, minbarra li din tintrabat mat-talba ta' qabilha, jidher li xorta waħda ma tistax tintlaqa' kif magħmula. Dan qiegħed jingħad minħabba l-fatt li, matul iż-żmien li kienet miexja, l-escrow agent D&TN iddepożita s-somma taħt l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu. B'hekk, D&TN qerdet il-qafas tal-ftehim tal-escrow u ma ħallietx aktar fis-seħħ il-ħtieġa li l-imħarrkin Kreigel u Strube (li, skont l-istess ftehim kienu ż-żewġ persuni li, flimkien, setgħu jagħtu l-kunsens tagħhom għar-rilaxx tal-flejjes li tqiegħdu fl-escrow account. Bis-saħħa tad-depożitu magħmul f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati, il-kunsens tal-imsemmija żewġ imħarrkin m'għadux meħtieġ u kien għalhekk li l-Qorti iddeċidiet dwar l-eċċezzjoni preliminari tagħhom li m'humiex il-kuntradditturi leġittimi;
>
> "Illi għalhekk ukoll, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' t-tieni talba attriċi;
>
> "Illi t-tielet talba attriċi wkoll m'hijiex sejra tintlaqa' għaliex il-Qorti waslet għall-fehma li s-somma depożitata fl-escrow account (u issa, biċ-ċedola, fir-Reġistru tal-Qorti) m'għandux jedd jitlobha lura l-attur u għalhekk ma għandux ikun awtorizżat li jitlob l-iżbank tagħha".

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur Ulrich Barfuss, li ghar-ragunijiet hemm imsemmija, filwaqt li ghamel referenza ghall-provi prodotti, talab illi din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi:

(a) Tikkonfermaha in kwantu laqghet it-tieni eccezzjoni preliminari limitatament fil-konfront tal-imharrkin Kriegel u Strube stante li l-flus depozitati taht l-*escrow agreement* gew depozitati l-Qorti fil-mori tal-kawza mill-*escrow agent* izda in kwantu cahditha sa fejn jirrigwarda lil Joachim Scholz;

(b) Tikkonfermaha fejn cahdet l-eccezzjonijiet preliminari l-ohrajn kollha;

(c) Tirrevokaha fejn cahdet l-ewwel talba attrici billi minflok tilqa' dina t-talba u tiddikjara illi Joachim Scholz iddekada mid-dritt li jithallas is-somma ta' US$ 100,000.00 li kienu depozitati taht l-*escrow agreement* u li llum jinsabu depozitati fir-registru tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili bic-cedola numru 261/2008, kif konvertiti fis-somma ta' €67,109.51 u tawtorizza lil esponenti jizbanka l-istess somma mill-imsemmija cedola;

(d) Tikkonfermaha in kwantu cahdet it-tieni u t-tielet talba attrici u dana stante li wara d-depozitu bic-cedola numru 261/2008, dawna t-talbiet gew ezawriti;

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat ir-risposta tal-appellati nomine, li permezz taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew li din il-Qorti ghandha tichad l-appell principali interpost mill-attur in kwantu ghandha tigi kkonfermata s-sentenza appellata tat-3 ta' Ottubru, 2012, safejn cahdet it-talbiet attrici, u fl-istess waqt tressaq appell incidentali li permezz tieghu talbu li ghandha tigi riformata dik is-sentenza, kwantu ghandha tigi mhassra d-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti fejn qalet li "*ma tista' tordna qatt ir-rilaxx tas-somma favur l-imharrek*" u minflok jigi dikjarat li konsegwenza tad-decizjoni tal-Qorti, l-appellat Joachim Scholz jista' jitlob li jizbanka s-somma depozitata l-Qorti fl-atti tac-cedola numru 261 tas-sena 2008.

Rat ir-risposta ta' Ulrich Barfuss, ghall-appell incidentali tal-appellat Dr Nikolai Vella Falzon nomine, li permezz taghha wiegeb ghall-appell incidentali u ghar-ragunijiet hemm imsemmija jishaq, li l-appell incidentali huwa ghal kollox frivolu u vessatorju u ghandu jigi rigettat, bl-ispejjez kontra l-appellat nomine.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum, wara li l-partijiet, permezz tal-avukati taghhom itrattaw l-appell, kif ukoll l-appell incidentali.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat;

Illi ghandu jinghad mal-ewwel illi in kwantu ma sar ebda appell mis-sentenza sa fejn (i) din illiberat lill-intimati Norbert Kriegel u Dr Friedrich Strube, peress li ma kenux meqjusa legittimi kontradditturi ghall-pretensjonijiet attrici; (ii) cahdet l-eccezzjonijiet preliminari l-ohra tal-konvenuti, kif ukoll (iii) cahdet it-tieni u t-tielet talbiet attrici, dawn il-partijiet tas-sentenza appellata llum ghandhom l-effett ta' gudikat u ghalhekk peress li jitqiesu finali, ma jifformawx il-mertu la tal-appell principali u lanqas tal-appell incidentali.

L-appell principali mressaq mill-attur Ulrich Barfuss jitratta aggravju ewlieni, sa fejn dan jissejjes fuq in-nuqqas t'apprezzament xieraq da parti tal-ewwel Qorti, li r-rilaxx favur il-konvenut Joachim Scholz, tas-somma ta' US$100,000, depozitata mis-socjetà ante causa tieghu, Maritime Services International (Malta) Limited, (qabel ukoll Ganymed (Malta) Limited), f'*escrow account* ma' Deloitte & Touche Nominee Limited, kien kondizzjonat ghall-obbligu assunt mill-istess Joachim Scholz, f'kuntratt iehor bl-isem ta' *Ganymed Malta Separation Agreement*.[24] Scholz kien obbliga ruhu ghas-socjetà tieghu Ganymed Shipping Gmbh, li jibqa' jzomm lis-socjetà Ganymed (Malta) Limited bhala *crew manager,* liema ko-operazzjoni kienet tinkludi l-hlasijiet mill-kumpanija Germaniza, lil dik Maltija, u li kellha tispicca fid-data tat-terminazzjoni tal-*management agreements* rispettivi.

L-appellant jishaq li kif jirrizulta mill-*partial arbitration award* tas-6 ta' Dicembru, 2004[25], Ganymed Shipping Gmbh effettivament kisret l-obbligazzjoni taghha hawn qabel imsemmija u dan safejn il-kumpanija Maltija kellha tibqa' topera bhala *crew manager* wara Settembru 2002, ghal erba' vapuri. Izda gara li wara li skadew l-ewwel zewg *crew management agreements* fit-30 ta' Settembru, 2002, is-socjetà Germaniza ghamlet talba ta' *vacation u longevity leave* ghall-ekwipagg

---

[24] Ezebit bhala Dok. UB 2 a fol. 111 tal-process
[25] Ezebita bhala Dok. UB 1 a fol. 88 et seq tal-process

ta' dawn iz-zewg vapuri u fl-istess hin waqqfet il-pagament mensili dovut fuq l-erba' vapuri l-ohra, li kien deciz mill-*arbitration award* bhala ksur tal-istess erba' *crew management agreements*. Dan, fi kliem l-attur appellant, wassal lill-konvenut appellat Joachim Scholz, bhala l-uniku azzjonist u direttur tal-kumpanija Germaniza, li jonqos minn dak li kien intrabat li jaghmel fil-Ganymed (Malta) Limited *separation agreement* u b'hekk jigi argumentat li l-konvenut appellat Joachim Scholz tilef id-dritt li jitlob l-US$100,000 depozitati fil-kont *escrow* taht l-Artikolu 4 tad-Dokument UB 2, kif regolat bl-istess *escrow agreement.*[26]

Jilmenta wkoll li ghalkemm l-ewwel Qorti gharfet li kien hemm ksur tal-obbligu assunt mill-konvenut appellat Scholz ghan-nom tal-kumpanija tieghu, u ghalkemm qablet mal-attur appellant li l-flus kienu regolati bl-istitut ta' depozitu taht il-Kodici Civili u ghalhekk dawn baqghu proprjetà tad-depozitant, liema flus kienu zbankabbli ladarba l-konvenut appellat Scholz iwettaq l-obbligu tieghu, l-ewwel Qorti zbaljat meta rriteniet li l-istess Scholz eventwalment hallas dak li kellu jhallas, apparti xi spejjez legali, xi zmien wara l-*arbitration awards.* L-ewwel Qorti zbaljat ukoll meta irriteniet li huwa ma kellux jigi penalizzat bit-telf tas-somma ta' US$100,000, li wara kollox skont l-ewwel Qorti, kien il-korrispettiv dovut lilu wara *share transfer* li sehh bejn l-azzjonisti taz-zewg kumpaniji, u dan ghaliex altrimenti l-attur Barfuss ikun qieghed "*jistaghna indebitament bi hsara tal-imharrek Scholz*". L-appellant ghalhekk

[26] Ezebit bhala Dok. A a fol. 4 et seq tal-process

jilmenta li meta l-ewwel Qorti qajjmet dan il-punt t'arrikiment indebitu, li ma kienx imressaq in difiza la fir-risposta u lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet da parti tal-appellat, dan kien ta' pregudizzju ghalih peress li ma nghatax l-opportunità jilqa' ghal din l-allegazzjoni. L-ewwel Qorti, skont hu, ma messa qatt ressqet eccezzjoni gdida *ex parte* b'inizjattiva taghha minghajr ma apprezzat il-problemi kollha li nholqu ghall-kumpanija Maltija konsegwenza tar-rifjut tal-kumpanija Germaniza li thallas dak li kellha thallas taht il-ftehim li kellha.

L-appellant Barfuss isostni li l-kawza odjerna ma saritx biex jigi dikjarat li kien hemm ksur tal-*Crew Management Agreements,* liema ksur effettivament gie stabbilit permezz tal-*award* li nghata fl-arbitragg f'Londra, izda l-azzjoni titratta li jigi dikjarat li l-konvenut appellat Joachim Scholz tilef id-dritt li jithallas is-somma ta' US$100,000, li skont l-*escrow agreement* kellhom jithallsu lilu fuq approvazzjoni tal-konvenuti l-ohra Norbert Kriegel u Friedrich Strube. Dawn tal-ahhar kellhom jawtorizzaw il-pagament lill-konvenut appellat Joachim Scholz kemm il-darba l-istess Scholz irrispetta s-s*eparation agreement*[27]*,* li kien jikkontempla ko-operazzjoni bejn iz-zewg kumpanniji, inkluz hlas da parti tal-kumpannija Germaniza lil dik Maltija, kif inghad qabel. Huwa jishaq li l-US$100,000 depozitati *in escrow* baqghu tieghu u dan in konsonanza mal-istitut ta' depozitu, li t-titolu tal-assi qatt ma tghaddi f'idejn terza persuna. Ladarba l-flus depozitati kellhom jithallsu lill-

[27] Ezebit bhala Dok. UB 2 a fol. 111 tal-process

konvenut appellat Scholz biss u jekk dan jonora l-*Crew Management Agreements,* hekk kif dan ma sehhx, ghalhekk huwa tilef u ddekada mid-dritt li jitlob din is-somma *sic et simpliciter.* Fil-fehma tal-appellant, isegwi li huwa biss ghandu l-jedd li jigi awtorizzat li jizbanka l-flus li kienu depozitati *in escrow* (US$100,000), ossia dawk ammontanti ghal €67,109.51, depozitati l-Qorti permezz tac-cedola ta' depozitu 261/2008.[28]

Din il-Qorti tirrileva, kif kellha diversi drabi okkazzjonijiet ohra li taghmel, li hija ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti.

Issa meta din il-Qorti qieset is-sentenza appellata, irrizultalha li kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur appellant, l-ewwel Qorti xtarret sew mhux biss l-*escrow agreement,* izda mieghu rat ukoll il-ftehim imsejjah *Ganymed Malta Separation Agreement,* dan meta qalet hekk fir-rigward taz-zewg kuntratti:

> "*Imkien band'oħra fl-imsemmi ftehim ma tissemma xi rabta tal-imħarrek jew xi dmir ta' prestazzjoni li Scholz ried iwettaq bħala*

[28] Dok. LCP ezebit a fol. 38 tal-process

> *kundizzjoni biex ikun jistħoqqlu jieħu l-flus imqiegħda fil-kont escrow.* ***Iżda, fil-fehma tal-Qorti, l-ftehim tal-escrow irid jitqies fil-qafas taċ-ċirkostanzi li fihom sar u li l-imħarrkin kollha kienu mdaħħlin fihom. Dan qiegħed jingħad b'riferenza għall-ftehim tal-firda bejn il-partijiet li sar f'Ġunju tal-2002.*** *F'dak il-ftehim, l-imħarrek Scholz intrabat li l-kumpannija tiegħu tissokta bil-ko-operazzjoni ma' GML sa tmiem dik is-sena fejn jidħlu l-vapuri li kienu għadhom marbuta mal-kumpannija tedeska.* ***Minbarra dan, hemm miftiehem li jkun biss wara li jitwettaq iż-żmien tal-imsemmija kooperazzjoni, li Scholz ikun jista' jitħallas il-US$100,000 "as compensation for the separation". Dan kollu ntrabat mal-fatt li l-imsemmija somma tqiegħdet minn GML fl-escrow account. Mela l-imħarrek Scholz ma jistax jinjora l-fatt li r-raġuni tal-ftuħ tal-escrow account kien marbut ma' ftehim ieħor li taħtu l-istess imħarrek intrabat f'isem il-kumpannija tiegħu;*** *"* (enfasi mizjud minn din il-Qorti).

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din is-silta appena citata zgur li ma thalli l-ebda dubju li l-ewwel Qorti ghamlet analizi korretta ta' dak kollu elenkat bhala rilevanti mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, meta ma ratx l-*escrow agreement* in izolament, izda fil-qafas tal-ftehim l-iehor tal-firda bejn l-azzjonisti taz-zewg kumpanniji, li sar f'Gunju 2002.

Jigi osservat li huwa ritenut li kuntratt ghandu s-sahha ta' ligi (Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili), ghandu dik is-sahha ghal dawk li kienu parti fil-kuntratt u ghas-successuri universali jew aventi kawza taghhom. Inoltrè l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti in *buona fede* u jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha tal-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha. F'dan il-kuntest hawnhekk issir referenza ghall-principju ta' "*pacta sunt servanda",* u ghall-gurisprudenza estensiva fir-rigward. F'sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta'

Novembru 1997, fil-kawza fl-ismijiet **Eric Schembri et noe v. Lewis Baldacchino**, inghad:

> "*Fil-fehma tal-Qorti, il-qofol u l-pedament ta' kull liġi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza soċjali bbażata fuq l-obbligazzjoni sa mill-bidu – ċjoe' ir-rationallis principium huwa li pacta sunt servanda*".

Issir referenza ghal sentenza ohra, din id-darba tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet **Salvu Fenech et v. Malta Dairy Products Limited et** deciza 30 ta' Ottubru 2003, li ttenni l-principju fir-rigward:

> "*Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda." (A.C. 5 ta' Ottubru 1998 – "Gloria mart Jonathan Beacom et v L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines").*
>
> "*Illi tkompli tgħid din is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell hawn appena citata li:- "Illi l-ġurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aġġjunta għall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu"* (Vol. XXXIV, P. III., p.746).
>
> "*Illi inoltre ġie deċiż illi "il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruħhom ċar jew posterjorment għall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bħala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx ġiet preveduta u li kien hemm bzonn li tiġi maqtugħa, u din għandha tiġi primarjament interpretata skont l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu ħadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher ċar mill-kumpless tal-konvenzjonijiet" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "Beacom vs Spiteri Staines" – ibid; "Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" – P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001; "Anton Spiteri vs Alfred Borg" – P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2000; "Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" – P.A. (RCP) 30 t'Ottubru 2001)....*
>
> "*Illi dan iwassal għall-prinċipju ieħor stabbilit li jirritjeni li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti in 'bona fede' u li jobbligaw mhux biss dak li jingħad fihom, izda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha tali obbligazzjoni. ("Joseph Francis Depares nomine vs John o'Dea nomine" – A.C. – 25 ta' Ġunju 1996).*

> "*Illi l-konsegwenza ta' kull ftehim għalhekk hija li l-obbligazzjonijiet iridu jiftehmu li jagħmlu sens (jekk jista' jkun buon sens) u l-kuntratti għandhom ikunu nterpretati in bona fede ("Carmelo Mifsud vs Joseph Spiteri et" – P.A. (WG) 30 ta' April 1987)*".

Hekk ukoll f'din il-kawza huwa meqjus illi, kif gustament irriteniet l-ewwel Qorti, wiehed ma jistax jara l-*escrow agreement* in izolament wahdu biex jasal ghal dak li kienu l-intenzjonijiet tal-partijiet, izda wiehed irid jara dan il-ftehim flimkien ma' dak li l-partijiet ftehmu permezz tal-*Ganymed Malta Separation Agreement,* fejn fil-fehma tal-Qorti johorgu aktar cari l-obbligi bejn il-kontendenti fil-kawza Barfuss u Scholz. Minn ezami tal-Artikoli 2 u 3 tal-ahhar imsemmi ftehim jirrizulta li ghalkemm il-flus depozitati *in escrow* kellhom jinzammu hemm sal-ahhar tas-sena 2002, sakemm il-kumpanija tal-konvenut appellat Scholz kellha tibqa' tikkopera mal-kumpanija Maltija, inkluz li thallasha ghas-servizzi moghtija, jinghad ukoll li l-US$100,000 tirraprezenta "*compensation for the separation*" - dan relativament bhala l-korrispettiv ghat-trasferiment tal-ishma bejn l-azzjonisti taz-zewg kumpanniji. Dan jinsab ikkonfermat fix-xiehda mressqa permezz ta' affidavit mill-istess attur appellant Barfusss meta jghid:

> "*Furthermore, it was agreed when the shares were exchanged in the separation agreement that Joachim Scholz was to receive the sum of USD100,000 <u>as compensation</u> provided he retained the Malta company as* ***crew manager*** *and provider of some other related services. It was agreed that upon completion of the said co-operation and fulfilment of his personal guarantee, Joachim Scholz will receive the said USD100,000 in terms of the separation agreement*".[29]

[29] Ara wkoll il-kontro-ezami tal-istess xhud a fol. 222 u 223 tal-process.

Mill-provi jirrizulta li l-kumpannija Germaniza baqghet thares il-ftehim ta' ko-operazzjoni sal-ahhar ta' Settembru, 2002, sa meta gew fi tmiem il-kuntratti ta' zewg bastimenti tad-ditta Maritime, izda hawn inqala' d-dizgwid, hekk kif kien ghad fadal erba' kuntratti relativi ghall-bastimenti tad-ditta Conti. Kien hawn li s-socjetà Germaniza waqqfet il-pagamenti fuq dawn il-kuntratti, minhabba l-pretensjonijiet li kellha fil-konfront tal-kumpannija Maltija. Ghalkemm mill-*award* parzjali tal-arbitragg dan kien meqjus bhala ksur tal-kuntratti tal-*Crew Management Agreements,* madankollu jirrizulta inkontrastat mill-provi mressqa da parti tal-konvenuti li wara d-decizjonijiet arbitrali, il-konvenut appellat Scholz effettivament wettaq l-obbligi tieghu skont il-ftehim ta' firda, inkluz il-hlas tal-flus kollha li kien zamm precedentement, salv ghal xi spejjez zghar.[30] Certament din kienet prova li l-ewwel Qorti ma setghetx tiskartaha meta hadet id-debita konsiderazzjoni taghha, sabiex waslet ghall-konkluzjoni taghha fis-sens li l-ewwel talba attrici ma kenitx timmerita li tintlaqa' peress li:

> "*B'dan il-mod, il-Qorti tifhem li ladarba l-ħlasijiet twettqu u l-attur daħħal dak li GML kienet xorta waħda jkun jistħoqqilha tirċievi taħt il-ftehim tal-firda u b'hekk "illikwida u ssalda d-dannu mġarrab", ma jifdal l-ebda raġuni tajba għaliex l-attur għandu jibqa' jisħaq li l-flejjes li kienu depożitati fl-escrow account għandhom jintraddu lura lilu. Il-Qorti tqis, għall-kuntrarju, li jekk kemm-il darba kellha tgħid li l-attur jistħoqqlu jingħata lura l-flejjes li kienu tqiegħdu fl-imsemmi kont, l-attur ikun qed jistagħna indebitament bi ħsara tal-imħarrek Scholz, għaliex dan fil-fatt għamel tajjeb għall-"inadempiment" tal-kumpannija tedeska filwaqt li, kif rajna, baqa' ma rċieva qatt il-ħlas tal-bilanċ tal-*

[30] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Friedrich Strube a fol. 214 tal-process meta jghid: *"Further therefore, on the merits, to me, the economic aim of the Escrow Agreement appears to have been reached."*

> *korrispettiv tal-ishma li huwa kellu f'GML u li kien ħeles minnhom fil-ftehim tal-firda*".

Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-principju kardinali fis-sentenza appellata, fid-determinazzjoni tat-talbiet attrici kien li, effettivament, il-konvenut appellat Scholz spicca biex ghamel tajjeb ghall-inadempiment li bih kien mixli permezz tal-azzjoni attrici hekk kif proposta u mhux a bazi tal-principju tal-arrikiment indebitu *per se*. Wara kollox kif jixhed l-istess Barfuss in kontro-ezami l-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tal-konvenuti huma bbazati fuq il-premessa ta' "*It is not the fulfilling of the contract*".[31] – jigifieri ghall-inadempiment kuntrattwali.

Issa gia ladarba l-konvenut appellat Scholz eventwalment irrispetta l-ftehim li kellu, li kien jinkludi l-hlasijiet ghas-servizzi moghtija mill-kumpannija Maltija, ghad illi saru tardivament, il-punt jibqa' li ottempra ruhu ma' dak mahsub fil-ftehim. Fil-ftehim ma kien hemm ebda *default clause* f'kaz ta' nuqqas ta' ottemperanza mal-ftehim fiz-zmien indikat. Dan ifisser li l-konsegwenza logika kellha bilfors tkun illi jekk kemm-il darba tintlaqa' t-talba attrici tabilhaqq kien ser jispicca jsir l-arrikiment indebitu riskontrat mill-ewwel Qorti a skapitu tal-konvenut appellat Scholz. Madankollu jibqa' l-fatt li t-talbiet attrici gew primarjament determinati a bazi tal-principju t'adempiment kuntrattwali da parti tal-

[31] Ara xhieda a fol. 228 tal-process

konvenut appellat Scholz u mhux t'arrikiment indebitu, li kienet ser tkun il-konsegwenza, f'kaz li t-talbiet attrici jintlaqghu.

Din il-Qorti tosserva wkoll li l-attur appellant jaghmel assimilazzjoni bejn il-flus depozitati fl-*escrow account* ma' penali li l-konvenut appellat Scholz tilef, ladarba huwa m'ottemprax ruhu ma' dak miftiehem. Issa bhala regola, il-penali stipulata bejn il-partijiet kontraenti fi ftehim, hija meqjusa bhala klawsola li tirraprezenta d-danni preventivament likwidati minhabba non-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni (**Negte. Antonio Tabone noe v. Negte. Joseph Caruana**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc, per Imhallef Dr W. Harding, fl-24 ta' Novembru 1950). Rilevanti f'dan il-kuntest hija x-xhieda tal-konvenut appellat Scholz meta fl-affidavit tieghu jghid:

> "*Mr. Barfuss refers to the funds held in escrow as a sort of penalty that GS (my company) was to be subjected to should MSI not have been retained as crew managers. In fact… the said funds were intended as liquidated damages to be paid by GS to MSI should the former have failed in its undertaking to retain MSI as crew managers, which it in fact ultimately did. There is therefore no reason for the impostion of such penalty on GS since my company GS never terminated its co-operation under the crew management agreements with MSI!*".

F'dan il-kuntest jigi nnotat li l-Artikolu 1120(3) tal-Kodici Civili jipprovdi li l-kreditur "*ma jistax jitlob il-haga principali u l-penali flimkien, hlief meta l-penali tkun giet miftehma ghad-dewmien biss*". (**Geraldo Vella v. Av. Dr Joseph Fenech Adami noe**, deciza mill-Prim'Awla, Qorti Civili, fil-5 ta' Ottubru 1957). Fil-kaz in ezami, ma giet miftehma ebda penali

esplicita ghad-dewmien biss. Mill-assjem tal-provi, din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-flus depozitati fl-*escrow account* kienu nghataw bhala garanzija ghall-ezekuzzjoni tal-obbligi assunti mis-socjetà Germaniza, hekk kif rapprezentata mill-konvenut appellat Scholz. Kif inghad qabel, ladarba l-obbligazzjoni principali li biha ntrabtet is-socjetà Germaniza, eventwalment twettqet, ma jifdal ebda raguni li tibqa' fis-sehh dik il-garanzija.

Inoltre ghalkemm l-appellant jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza l-problemi kollha li nholqu ghall-kumpanija Maltija konsegwenza tar-rifjut tal-kumpanija Germaniza li thallas dak li kien dovut taht il-ftehim bejn il-partijiet, kif gustament rilevat mill-appellat nomine, ma tressqu ebda provi cari rigward danni li garrab l-attur konsegwenza tan-nuqqas t'adempiment f'waqtu da parti tal-konvenut Scholz.[32]

Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li l-ewwel Qorti ghamlet analizi korretta tal-fatti tal-kaz u jsegwi li l-aggravju tal-appellant ma jimmeritax li jintlaqa'. Trattati l-ilmenti kollha mqajjma mill-appellant taht l-appell principali, jonqos li jigi indirizzat l-ilment tal-konvenut appellat Scholz imressaq taht l-appell incidentali.

[32] Ara f'dan is-sens il-kontro-ezami ta' Ulrich Barfuss a fol. 224 et seq tal-process, kif ukoll il-kontro-ezami tax-xhud Friedrich Strube a fol. 252 tal-process.

Hawn ukoll ghandu jinghad li l-ewwel Qorti kienet assolutament korretta fl-osservazzjoni taghha illi ladarba t-talba attrici kienet titratta rilaxx ta' depozitu favur l-attur, hija ma setghet qatt tordna r-rilaxx favur il-konvenut, altrimenti tkun qeghda tiddeciedi lil hinn minn dak mitlub. Din il-Qorti bhal ta' qabilha, tqis li d-decizjoni permezz tas-sentenza appellata kellha bilfors tkun limitata ghal cahda tat-talbiet attrici, bla hsara ghall-kwistjoni tal-mod kif il-konvenut appellat Scholz ghandu, jekk ikun jisthoqqlu, jirtira s-somma ghalih, ladarba ma saret ebda kontro-talba f'dan is-sens fil-proceduri odjerni. Jigi ribadit li l-Qrati huma marbuta li jiddeciedu l-kawzi proposti fil-limiti tat-talbiet li jkollhom quddiemhom, hekk kif avvanzati permezz tar-rikors promotur u fil-qafas tal-eccezzjonijiet imressqa permezz tar-risposta guramentata u ma ghandhomx joffru rimedji fl-interess tal-ekonomija tal-gudizzju, biex jaghmlu tajjeb ghan-nuqqasijiet procedurali tal-partijiet. Il-pretensjonijiet tal-konvenut appellat Scholz jistghu certament jigu indirizzati fi proceduri opportuni, li madankollu, ma jifformawx il-mertu tal-kaz in ezami.

Isegwi li lanqas l-appell incidentali ma jimmerita li jintlaqa'.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi kemm mill-appell principali imressaq mill-attur appellant, kif ukoll mill-appell incidentali imressaq mill-konvenuti nomine, billi tichadhom it-tnejn u tikkonferma s-sentenza appellata fis-shih.

L-ispejjez tal-prim istanza jithallsu kif deciz mill-ewwel Qorti. Filwaqt li l-ispejjez relatati mal-appell principali ghandhom jithallsu mill-attur appellant, dawk tal-appell incidentali ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenut Scholz.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb